# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — SETTEMBRU-DIĊEMBRU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1979

## MALTA MALTIJA!

B'dawn iż-żewġ kelmiet, Ġorġ Pisani għalaq is-sunett tiegħu, "Lil Mikiel Anton Vassalli", u dawn iż-żewġ kelmiet illum intennuhom biex ninsistu li sa fl-aħħar f'Malta aħna tabilħaqq Maltin. Ngħidu u ntennu, "Malta Maltija!" — imma kemm hu tabilħaqq minnu li Malta hija għal kollox Maltija?

Nibdew minn ismijietna. Il-biċċa l-kbira minnhom darba kienu Taljani, issa saru Ingliżi. Għadna nistħu mill-Malti? Għaliex Joseph u mhux Ġużeppi jew Ġużè? Għaliex Paul, Stephen u Alfred jew Fred, u mhux Pawlu, Stiefnu u Fredu? X'differenza hemm minn Fred għal Fredu, jew minn George għal Ġorġ? Jew minn Francis għal Franġisk? Tabilħaqq differenza hemm, u din hi li wieħed huwa barrani, u l-ieħor huwa tagħna.

Ma ngħidux li min għandu ismu barrani mill-għeruq, bħal Dirk jew Ray jew Phyllis, għandu jagħti lil ismu libsa Maltija għax dan huwa impossibbli, u ismijiet barranin ta' din l-għamla nsibuhom f'kull ilsien u kull nazzjon. Imma wasal iż-żmien li l-Maltin jissejħu b'ismijiet Maltin, u nwarrbu dan l-"inferiority complex" fejn jidħol l-ilsien Malti. Il-Malti ma għadux ilsien imwarrab, sar ilsienna f'kull okkażjoni, f'kull istituzzjoni, f'kull ħin u f'kull waqt — għax mhux f'ismijietna wkoll?

Dawn l-ismijiet f'ilsien barrani huma, wara kollox, wirt tal-jasar psikoloġiku ta' "x'ħin ruħna kienet rieqda ġo sodda barranija", taż-żmien meta missirijietna kienu jridu jżidu l-aħdar jew l-ikħal ma' l-abjad u l-aħmar tal-bandiera tagħna. Dawk iż-żmenijiet, il-Maltin li kellhom ftit ta' l-iskola, jew kienu ta' ċertu livell soċjali, kienu jagħżlu l-forma aktarx Taljana għal isimhom. Illum, b'xorti ħażina, flok dawn il-minoranza saru Maltin f'isimhom, kulħadd, jew kważi kulħadd, sar Ingliż bla nemex.

Li ma kienx minħabba l-implikazzjonijiet u komplikazzjonijiet legali, kien imissna wkoll naħsbu biex kunjomijiet Maltin jinkitbu dejjem b'ortografija Maltija — bħa Xerri, Għaxaq, Mejlaq, Fenek.

Mhux f'ismijiet biss li Malta mhix Maltija. Fil-għadd ukoll, u

fin-numri tat-telefon u fl-indirizzi. U mhux anqas fil-prezzijiet. Għaliex malli ngħidu numru jew indirizz noħorġuh bl-Ingliż? Saħansitra ismijiet ta' nħawi f'Malta qed jingħataw xejra Ingliża, bħal meta niktbu — imma ma ngħidux — "Sliema", "Pjetà", "Rabat", "Munxar", flok "Tas-Sliema", "Tal-Pjetà", "Ir-Rabat" "Il-Munxar".

Lil dawk li jagħtu ismijiet Ingliżi lill-ħwienet jew negozji oħra tagħhom, tagħdirhom, għax tifhem li jridu jilħqu lill-barrani li jiġi jżurna. Trid tkun prattiku wkoll. Madankollu, xejn ma tistagħġeb jekk lit-turist iħajru aktar isem bil-lingwa tal-post li jkun iżur. U jidher li hemm bosta li dan il-fatt qegħdin japprezzawh.

Imma l-ġieh lill-qaddisin protetturi tagħna nistgħu nagħtuhulhom bil-Malti — għad fadal xi naħa jew tnejn fejn fil-festa l-innu tal-qaddis jitkanta bil-Taljan.

Imbagħad niġu għal ismijiet ta' għaqdiet sportivi — tista' tgħid kollha bl-Ingliż. Għaliex? Ma nistgħux nibdew inkunu Maltin flisport Malti? Il-clubs qodma li laħqu ħadu ismijiet Ingliżi forsi jaqbel li jibqgħu jżommu l-isem kif inhu għal raġunijiet storiċi u anki legali — bħal, ngħidu aħna, clubs tal-football Taljani u ta' l-Amerika t'Isfel — imma għallanqas jistgħu jibdlu l-ittri "F.C." wara isimhom f'"K.F." quddiem l-isem. Il-club antik Taljan Milan, żamm il-forma oriġinali Ingliża ta' ismu, imma jippreċediha b'"A.C." (Associazione Calcistica). Għaliex ma nibdewx nagħtu l-għaqdiet tagħna tal-football, waterpolo, basketball, atletika u l-oħrajn, ismijiet Maltin?

U dan ma jgħoddx għal għaqdiet sportivi biss. Igħodd mhux anqas għal għaqdiet u istituzzjonijiet karitattivi, kulturali u xjentifiċi. Tista' tgħid kollha, barra dawk li jikkoltivaw il-Malti u l-letteratura Maltija — għandhom isim Ingliż. Għaliex?

Jew tidħol f'uffiċċju jew xi istituzzjoni tal-Gvern, u ssib tabelli u istruzzjonijiet mal-ħitan bl-Ingliż. Jew issib dipartimenti tal-Gvern li jinqdew bl-Ingliż għall-amministrazzjoni interna; jew tiktbilhom u jweġbuk bl-Ingliż jew b'Malti mfarrak. Saħansitra l-iskejjel tagħna għandhom isimhom bl-Ingliż!

Ħadna l-indipendenza, sirna repubblika, il-barrani telaq, għandna rajna f'idejna — imma l-poplu Malti għadu influwenzat millmentalità li wiret.

Ejjew nagħmlu lil Malta tabilħaqq Maltija!